



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/963 tas-6 ta' Lulju 2018 dwar l-allokazzjoni lil Spanja ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES għajr il-Golf ta' Cádiz** 1

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/964 tal-5 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina** 3
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/965 tas-6 ta' Lulju 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni pagament parzjali u ammont annwali rivedut għall-2018** 4

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/963

tas-6 ta' Lulju 2018

dwar l-allokazzjoni lil Spanja ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES
għajr il-Golf ta' Cádiz

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 8 tal-Anness IIB tiegħu,

Billi:

- (1) It-Tabella I tal-Anness IIB tar-Regolament (UE) 2018/120 tispjefika l-għadd massimu ta' jiem li fihom bastimenti tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew iżjed, li jgħorru abbord jew li jużaw xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkapti simili b'daq tal-malji ta' 32 mm jew ikbar, għeżula b'daq tal-malji ta' 60 mm jew ikbar u konzizziet tal-qiegħ, jistgħu jkunu preżenti fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES, għajr fil-Golf ta' Cádiz, mill-1 ta' Frar 2018 sal-31 ta' Jannar 2019.
- (2) Skont il-punt 8.5 tal-Anness IIB tar-Regolament (UE) 2018/120, il-Kummissjoni, abbażi ta' waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd li seħħ bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Jannar 2018, tista' talloka għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu li jkun preżenti fiż-żona rilevanti meta jkollu abbord irkaptu rregolat.
- (3) Fis-26 ta' Marzu 2018, b'konformità mal-ewwel sentenza tal-punt 8.1 tal-Anness IIB tar-Regolament (UE) 2018/120, Spanja ppreżentat talba għal jiem addizzjonali fuq il-baħar abbażi tal-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd. Spanja kkonfermat li disa' bastimenti waqqfu l-attivitajiet tas-sajd bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Jannar 2018.
- (4) Fid-dawl tad-data mogħtija lill-Kummissjoni u wara li ġie kkunsidrat il-metodu ta' kalkolu stabbilit fil-punt 8.2 tal-Anness IIB tar-Regolament (UE) 2018/120, jenħtieġ li Spanja tiġi allokata tlett ijiem addizzjonali fuq il-baħar għall-bastimenti msemmija fil-punt 1 ta' dak l-Anness, għall-perjodu mill-1 ta' Frar 2018 sal-31 ta' Jannar 2019.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom Spanja tista' tawtorizza li fil-perjodu mill-1 ta' Frar 2018 sal-31 ta' Jannar 2019 bastiment li jtajar il-bandiera tagħha jkun preżenti fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES, għajr il-Golf ta' Cádiz, li jkollu abbord jew li juża rkaptu rregolat u mhux soġġett għal kundizzjonijiet speċjali, kif stabbilit fit-Tabella I tal-Anness IIB tar-Regolament (UE) 2018/120, għandu jidded għal 129 jum.

⁽¹⁾ ĠUL 27, 31.1.2018, p. 27.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/964

tal-5 ta' Lulju 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fid-19 ta' Marzu 2015, il-Kunsill Ewropew qabel li kellhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun hemm rabta ċara bejn id-durata tal-miżuri restrittivi u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk, meta wieħed iqis li l-implimentazzjoni sħiħa kienet prevista għall-31 ta' Diċembru 2015.
- (3) Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill ġedded id-Deċiżjoni 2014/512/PESK sal-31 ta' Lulju 2018 sabiex ikun jista' jivvaluta aktar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk ⁽²⁾.
- (4) Wara li għamel valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk, il-Kunsill jikkunsidra li jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra sabiex il-Kunsill ikun jista' jivvaluta aktar l-implimentazzjoni tagħhom.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2019.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BLÜMEL

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2426 tal-21 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 343, 22.12.2017, p. 77).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/965**tas-6 ta' Lulju 2018****dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni pagament parzjali u ammont annwali rivedut għall-2018**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-ġajnuna tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 (ir-"Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2018 li tispesifika l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2018 u ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2018, f'każijiet fejn dak l-ammont annwali ivarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) Fil-15 ta' April 2018, skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") bagħat l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġja lill-Kummissjoni.
- (3) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jistipula li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati fil-FEŻ preċedenti. Għaldaqstant, jenħteġ li ssir sejħa għal fondi taħt l-10 FEŻ għall-BEI u l-11-il FEŻ għall-Kummissjoni.
- (4) Fl-20 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2171 ⁽³⁾, li jiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2018 għal EUR 4 550 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 250 000 000 għall-BEI,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tieni pagament parzjali għall-2018 huma stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ tal-Istati Membri għall-2018 huwa b'dan rivedut għal EUR 4 500 000 000. Huwa għandu jinqasam f'ammont ta' EUR 4 250 000 000 għall-Kummissjoni u ta' EUR 250 000 000 għall-BEI.

⁽¹⁾ ĠUL 210, 6.8.2013, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 58, 3.3.2015, p. 17.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2171 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2019, l-ammont annwali għall-2018, l-ewwel ħlas parzjali għall-2018 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2020 u 2021 (ĠUL 306, 22.11.2017, p. 21).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BLÜMEL

ANNEX

STATI MEMBRI	Skema tal-10 FEŻ %	Skema tal-11-il FEŻ %	It-tieni pagament parzjali tal-2018 (EUR)		Total
			Kummissjoni il-11-il FEŻ	BEI l-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	42 240 510,00	3 530 000,00	45 770 510,00
IL-BULGARIJA	0,14	0,21853	2 840 890,00	140 000,00	2 980 890,00
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	0,51	0,79745	10 366 850,00	510 000,00	10 876 850,00
ID-DANIMARKA	2,00	1,98045	25 745 850,00	2 000 000,00	27 745 850,00
IL-ĠERMANJA	20,50	20,57980	267 537 400,00	20 500 000,00	288 037 400,00
L-ESTONJA	0,05	0,08635	1 122 550,00	50 000,00	1 172 550,00
L-IRLANDA	0,91	0,94006	12 220 780,00	910 000,00	13 130 780,00
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	19 595 550,00	1 470 000,00	21 065 550,00
SPANJA	7,85	7,93248	103 122 240,00	7 850 000,00	110 972 240,00
FRANZA	19,55	17,81269	231 564 970,00	19 550 000,00	251 114 970,00
IL-KROAZJA	0,00	0,22518	2 927 340,00	0,00	2 927 340,00
L-ITALJA	12,86	12,53009	162 891 170,00	12 860 000,00	175 751 170,00
ĊIPRU	0,09	0,11162	1 451 060,00	90 000,00	1 541 060,00
IL-LATVJA	0,07	0,11612	1 509 560,00	70 000,00	1 579 560,00
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	2 350 010,00	120 000,00	2 470 010,00
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	3 316 170,00	270 000,00	3 586 170,00
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	7 989 280,00	550 000,00	8 539 280,00
MALTA	0,03	0,03801	494 130,00	30 000,00	524 130,00
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	62 098 140,00	4 850 000,00	66 948 140,00
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	31 168 410,00	2 410 000,00	33 578 410,00
IL-POLONJA	1,30	2,00734	26 095 420,00	1 300 000,00	27 395 420,00
IL-PORTUGALL	1,15	1,19679	15 558 270,00	1 150 000,00	16 708 270,00
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	9 335 950,00	370 000,00	9 705 950,00
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	2 918 760,00	180 000,00	3 098 760,00
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	4 890 080,00	210 000,00	5 100 080,00
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	19 618 170,00	1 470 000,00	21 088 170,00
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	38 208 430,00	2 740 000,00	40 948 430,00
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	190 822 060,00	14 820 000,00	205 642 060,00
TOTAL TAL-UE-28	100,00	100,00	1 300 000 000,00	100 000 000,00	1 400 000 000,00

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT